# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 6 ta' April, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**DZG**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' DZG detentur tal-karta tal-identita numru: 336264(M) akkuzat talli nhar it-18 ta' Settembru, 2015 fl-akkwata tal-Funtana tat-Tritoni gewwa l-Floriana u/jew fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer:

1) Zamm fi x' fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr arma minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar u munizzjoni elenkati fl-Iskeda 2 tal-Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellux licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b' sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Gunju, 2016 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Marzu, 2016 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss

wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat il-Pre-Sentencing Report inserit a fol. 154 et sequitur tal-atti processwali fejn gie rakkomandat li l-imputat DZG ghandu jinghata piena karcerarja effettiva izda gie ukoll suggerit li matul dan il-perjodu l-imputat ghandu jibqa' jinghata l-ghajnuna necessarja kemm mill-aspett ta' droga sabiex ma jibqax jabbuza minn sustanzi lleciti, kif ukoll mill-aspett psikjatriku. Fil-fatt din is-sentenza tista' tkun opportunita' tajba ghal imputat peress li jkun qed jircievi ghajnuna psikjatrika meta ma jkunx qed jabbuza minn sustanzi lleciti.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2017 fejn il-Prosekuzzjoni irtirat l-addebitu tat-recidiva taht l-Artikoli 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Rat li wara li saret tali korrezzjoni il-Probation Officer Glen Grixti irrakkomanda piena karcerarja sospiza. Grixti spjega li huwa kien ghamel rakkomandazzjoni ta' piena karcerarja effettiva minhabba l-addebitu tar-recidiva a tenur tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u una volta tali addebitu gie rtirat huwa seta' ghalhekk jirrakkomanda piena karcerarja sospiza taht Ordni ta' Supervizjoni u Trattament.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li kkopera fil-kors tal-investigazzjoni u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat ghamel zmien twil jabbuza mid-droga u li huwa ghandu problemi Psikjatrici u mentali u li f'dawn l-ahhar xhur ghamel passi kbar sabiex jeghleb dawn il-problemi izda ghad ghandu bzonn l-ghajnuna ta' professjonisti sabiex jghinuh ikompli fuq din it-triq it-tajba. Fic-cirkostanzi din il-Qorti jidrilha li ghandha taddotta s-suggerimenti u rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer Glen Grixti u sejra ghalhekk timponi piena karcerarja sospiza b' Ordni ta' Trattament u Ordni ta' Supervizjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 5(1) u 51 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 49 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tpoggi lill-imputat that Ordni ta' Supervizjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum

skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet u taht id-direzzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Glen Grixti.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ukoll ghal-perjodu ta' sentejn (2) millum taht il-kura tal-Psikjatra Dr Nigel Camilleri u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole u lil Dr. Nigel Camilleri.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**